**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A56/11

13 ta' Ġunju 2011

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/56**

Il-laqgħa tal-Kunsill ser issir it-**Tlieta 21 Ġunju 2011, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Mozzjoni – Ħruġ ta' Sejħiet għall-Offerti ta' Kuntratti Skaduti
5. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
6. *Update* ta' *Tenders - GLC002/2010 Mixed Household Waste –GLC003/2010 Public Private Partnership*
7. Update dwar is-Sejħa għall-Offerti ta' *Resurfacing* tal-*Housing Estate* u *Pavement Works – Zone 1 The Strand and Town Centre*
8. Diskussjoni dwar organizzar ta' *computer courses*
9. Diskussjoni u Approvazzjoni dwar Lejla Gżirjana
10. Affarijiet oħra
11. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Rowena M Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

2 t'Awwissu 2011

Ref Nru.Klg5/056

Minuti tal-laqgħa Nru Klg5/56 li saret it-Tlieta 21 ta' Ġunju 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

## Preżenti

Seba' membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Chris Bonett, l-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech, Ian Micallef, Malcolm Camilleri u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

## *Chairman*

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa li bdiet fis-6.05 p.m.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-13 ta' Ġunju 2011.

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa Klg5/56 tal-21 ta' Ġunju 2011, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2.** Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

## 2. Materji Konnessi

### 2.1. Paġna Nru: 3 para 2.3 – Tender P.P.P.

Il-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħol dwar is-suġġett sopraċitat kien ser jibda t-Tlieta 12 ta' Lulju 2011 u ġie maqbul li x-xogħol jibda minn Triq Ponsonby minħabba li sal-ġurnata msemmija, l-arbli tal-festa jkun għadhom ma tneħħewx minn Triq Stuart. Għalhekk, ġie deċiż li għandha tintbagħat ittra t'informazzjoni lir-residenti ta' din it-triq.

Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Ivan Mifsud (Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma) fejn informa li l-Korporazzjoni kienet ser tqiegħed *dual water main* fiż-żewġ toroq (Ponsonby u Stuart) kif ukoll, li ssir il-manutenzjoni neċessarja fis-sistema tad-drenaġġ, fir-rispett ta' liema ntalabu estimi mill-*Project Manager.* Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li, a bażi ta' gwida tal-Perit tal-Kunsill, hi kienet wieġbet, li dan ix-xogħol kien jaqa' taħt ir-responsabbilita' tal-Korporazzjoni ta' l-ilma u għalhekk, is-*survey* għandu jsir mill-istess Korporazzjoni. Hi kompliet tgħid, li peress li x-xogħol kien ser jibda fit-12 ta' Lulju 2011, il-*WSC* kellha tagħmel l-arranġamenti kollha neċessarji nkluż il-ħruġ tal-*Letter of Acceptance* lill-kuntrattur Polidano Bros Ltd. sa din id-data.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tintbagħat ittra għall-attenzjoni u l-approvazzjoni ta' l-Onor. Chris Said dwar it-talba li saret mill-kuntrattur *Polidano Bros Ltd* għall-varjazzjoni f'*item 5.07* tat-*tender document.*

### 2.2. Paġna Nru: 3 para 2.7. - *Tender GLC001/2004 – Cleaning & Upkeep Services in Gżira*

Il-Kunsill qabel unanimament, li għandha tintbagħat ittra għall-attenzjoni u l-approvazzjoni ta l-Onor Chris Said għat-talba li saret mill-kuntrattur Emmanuel Mifsud għaż-żieda ta' 10% li għandha tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Mejju 2011 u dan minħabba l-fatt, li t-*tender* li tbidel it-*tender* hawn fuq imsemmija li ilha in vigore sa mill-2004, għada fil-fażi ta' l-appell u l-Kunsill m'għandux triq oħra ħlief li jġedded kull xahar l-ewwel waħda.

### 2.3. Paġna Nru: 5 para 3.4. – *Life Long Learning*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-korsijiet sezzjoni A jiġifieri, Malti, Ingliż u Somom fil-livell bażiku ġew approvati mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni filwaqt, li għall-korsijiet Sezzjoni B jiġifieri Spanjol u Taljan mhux f'livell bażiku, l-Kunsill ma kien irċieva ebda risposta mid-Dipartiment hawn fuq imsemmi.

**2.4. Paġna Nru: 7 para 3.9.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li sa dak in-nhar tal-laqgħa, l-Kunsill ma kien irċieva ebda risposta mill-K.N.P.D. dwar r-rampa u installazzjoni tal-*bollards* fuq il-bankina quddiem id-Dar tal-Parroċċa u l-Knisja Parrokkjali.

**2.5. Paġna Nru: 7 para 3.10 - *The Point – directional signage proposal***

Il-Kunsill kien għadu qed jistenna risposta mingħand il-persuna l-oħra li kienet ressqet talba għall-permess, li tagħmel reklamar fuq il-Latrina Pubblika.

**2.6. Paġna Nru: 9 para 3.18 – Konferenza *ECAD***

Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat, li *f'e-mail* mibgħuta mis-Sur Silvio Frendo (Dipartiment Għall-Gvern Lokali) datata 1 Ġunju 2011, liema *e-mail*, kienet għaddiet għall-attenzjoni tas-Sindku u l-Viċi-Sindku kkonferma, li artiklu 13.6 ta' l-avviż legali Nru: 144/2009 kien japplika għal kull safra uffiċjali u għalhekk, kien applikabbli għal din is-safra ukoll. Għaldaqstant, talbet kemm lis-Sindku kif ukoll, lill-Viċi-Sindku biex jgħaddulha l-irċevuti neċessarji sabiex jkun jista' jsir r-rendikont.

Rigward l-irċevuti li jkopru s-*substance allowance*, il-Viċi-Sindku qal, li ma setax jippreżentahom minħabba l-fatt, li kien insteraqlu l-*wallet*, kopja ta' liema rapport kien għaddieh lill-Kunsill Lokali.

**2.7. Paġna Nru: 11 para 8.1.** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kwotazzjoni GLC003/2011 – *Supply of three computer monitors* kienet reġgħet ġiet ppubblikata bħala kwotazzjoni GLC07/2011 li kienet tagħlaq fl-1 ta' Lulju 2011 u dan skont deċiżjoni meħuda fil-laqgħa preċedenti.

**2.8. Paġna Nru: 11 para 8.2.** In segwitu tad-diskussjoni li saret fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill dwar kwotazzjoni *GLC002/2011 – Supply of three swivel office ergonomic chairs,* il-Kunsill ġie nfurmat li r-rapport kien tħejja u ntbagħat lill-membri kollha tal-Kunsill u s-siġġijiet kienu nxtraw mingħand id-ditta *C.S.D.* għall-ammont ta' €495.00 VAT inkluża, għar-raġunijiet msemmija fl-istess rapport.

**2.9.** Il-Kunsill ġie nfurmat, li l-audit mid-ditta *Grant Thornton* kien beda.

**2.10.** Il-Kunsill ġie nfurmat, li Vincent Pisani li kien ġie assenjat mid-Dipartiment tal-Gvern, mal-Kunsill Lokali kien spiċċa biż-żmien filwaqt, li Joseph Ebejer li kien ġie assenjat fl-iskema xogħol fil-Komunita' (ETC) kien spiċċa minħabba li beda jaħdem.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sal-21 ta' Ġunju 2011 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom:

**3.3.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata, mill-Kunsillier Anthony Grech mal-proposta tal-Perit tal-Kunsill Lokali li l-wiċċ tat-Triq Emanuele Giordano għandu jingiref.

**3.4.** Il-Kunsill ġie nfurmat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li kien weħel penali ta' €290.23 għad-dewmien biex jintbagħtu l-*financial statements* għas-sena finanzjarja, 31 ta' Marzu 2009.

**3.5.** Rigward l-assenjar tal-posti tal-*kiosks* fi Triq ix-Xatt matul il-festa, l-Kunsill qabel unanimament li tintbagħat *e-mail* lill-iSpettur Jesmond Micallef sabiex ikun infurmat bid-deċiżjonijiet segwenti:

**(i)** liema distanza l-Pulizija kienet ser tapplika jekk hux 30 jew 20 metru 'l bogħod minn fejn ser jintrama n-nar u dan in vista tal-polza t'assikurazzjoni, li saret mill-Għaqda Mużikali Mount Carmel.

**(ii)** a bazi tad-deċiżjoni ta' para (i) ser issir marka waħda għall-posti tal-*kiosks* għall-perjodu kollu tal-festa rrelevanti jekk hux ser jinħaraq nar jew le

**(iii)** ser issir laqgħa għall-applikanti kollha, t-Tnejn 4 ta' Lulju 2011, fis-Sala tal-Komunita' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, li għaliha l-Ispettur Jesmond Micallef kien mitlub li jattendi, liema laqgħa, ser tkun indirizzata mis-Sindku u l-Viċi-Sindku fejn tingħata nformazzjoni li l-posti tal-*kiosks* ser ikunu assenjati skont l-ordni tal-mertu li dejjem intramgħu bihom.

**3.6.** Il-Kunsill ġie nfurmat li n-*National Statistics Office* kien beda l-preparamenti għat-ċensiment tad-djar u l-popolazzjoni u għalhekk, kien qed jistieden lill-Kunsill biex sat-8 ta' Lulju 2011, jissottometti jekk għandu, xi proposti.

Il-Kunsill ma kellu ebda proposta.

**3.7.** Il-Kunsill iddeċieda li l-*e-mail* mibgħuta mis-Sur Dominic Pantalleresco sabiex tissemma triq fil-lokalita' għal ġieħ Giovanni Battista Pantalleresco, għandha tiġi diskussa aktar 'l quddiem.

**3.8.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li tinxtara kopja tal-ktieb għall-Librerija Pubblika, 'l-Imtieħen tat-tħin tal-Qamħ fil-Gżejjer Maltin' ta' Clifford Vella għall-ammont ta' €12.50.

**3.9.** Il-Kunsill ma kienx ser jipparteċipa fil-kompetizzjoni '*European Mobility Week – Car Free Day 2011* (Ref Memo 52/2011).

**3.10.** Tressqet stima mill-Koperativa Tabelli u Sinjali tat-Traffiku biex jiġu nstallati żewġ (2) *galvanised* poles x 7m għoli x 5 *diameter* għall-prezz ta' €1,014.80 VAT inkluża fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira, minħabba *WIFI* (Memo 51/2010) u dan, skont stima kwotazzjoni Nru: 51A/2011 datata 13 ta' Ġunju 2011 mibgħuta mill-istess Koperativa.

Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Ian Micallef jekk kienx hemm xi ditti oħra li kienu kkwotaw, l-Kunsill ġie nfurmat li minkejja li ntlabu kumpaniji oħra biex jagħtu stima, anke b'sistema solari, dawn qatt ma ssottomettew l-offerta tagħhom.

Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Grech, sabiex il-Koperattiva Tabelli u Sinjali tissupplixxi u tinstalla dawn iż-żewġ arbli għall-prezz hawn fuq imsemmi.

**3.11.** In segwitu tad-diskussjoni li saret dwar *e-mail* mibgħuta mis-Sur Robert Grech – resident fi Triq Reggie Miller dwar *street traffic, overspeeding,* ħsarat fil-pavimentar fuq il-bankina u *potholes*, l-Kunsill iddeċieda unanimament li:

- l-proposta sabiex jiżdiedu żewġ *traffic calming cushions* kienet ser tiġi kkunsidrata

- l-kuntrattur tal-Kunsill għandu jagħmel ix-xogħol ta' *patching* fit-triq kif ukoll, a bażi ta' l-informazzjoni mogħtija mill-Kunsillier Anthony Abela, wara li għamel *site-inspection*, dan irriżulta li l-ħsarat fuq il-bankina huma ta' natura minima ħafna u għalhekk l-Kunsill għandu jitlob lill-kuntrattur biex jirranġaha.

**3..12.** Rigward il-*vacancy for 1 part-time clerk,* s-Segretarju Eżekuttiv qalet, li s-Sur James Catania – Dipartiment għall-Gvern Lokali kien infurmaha li l-approvazzjoni li kien ingħata l-Kunsill kienet skadiet u għalhekk, il-Kunsill kellu jerġa' jissottometti talba oħra. Hi kompliet tgħid, li fl-opinjoni tagħha jkun aħjar jekk il-Kunsill f'dan l-istadju, jitlob li tiġi mpjegata persuna fuq bażi *full time*.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.12.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li l-*part-time clerk* Mattia Felice kien talaba jekk jistax iżid il-ħin tax-xogħol tiegħu jiġifieri minn għoxrin siegħa fil-ġimgħa jibda jaħdem ħamsa u għoxrin siegħa fil-ġimgħa.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel li għandna nitolbu l-gwida ta' l-*accountant* dwar din it-talba qabel ma tittieħed din id-deċiżjoni.

**3.13.** Inqara r-rapport tal-Perit tal-Kunsill, Joe Bugeja dwar Triq Bouverie fejn kienet saret *site inspection* flimkien mal-Kunsillier Anthony Abela. Fost affarijiet irriżulta, li prima-facie jidher li huwa diffiċli ferm biex tirrikonċilja r-rampi għall-aċċess tal-garaxxijiet mas-sigurta' għall-użu u aċċessibilta' tal-bankini. Għalhekk, hemm bżonn li jsir studju aktar ddettaljat sabiex tinstab soluzzjoni speċjalment minħabba resident bi bżonnijiet speċjali.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament, li l-Perit għandu jissottometti rapport aktar ddettaljat liema rapport, jekk ikun il-każ, jiġi sottomess lill-*MEPA.*

**3.14.** Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-*Vodafone Malta Ltd,* fejn kienet qed tintalab li ssir laqgħa mal-Kunsill biex tiġi diskussa aktar fid-dettal il-proposta li jitħaffer *trench* 200mm wisa u 200mm fond, tul il-bażi ta' l-i*storm water culverts* li hemm matul Triq ix-Xatt, sabiex jiġu nstallati *cable ducts. E*ventwalment dan it-*trench* jinkesa' b'*C20 concrete* b'hekk, il-bażi tal-*culvert* terġa tiġi għal li kienet. Dan il-proġett jinkludi wkoll, tfaffir ta' *manhole* kull 200m approx matul il-*culverts* eżistenti.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament, li jagħmel kontra proposta għal konsiderazzjoni lid-ditta hawn fuq imsemmija jiġifieri, li *Vodafone Malta Ltd*. tinstalla a spejjeż tagħha, sistema WIFI matul Triq ix-Xatt ,Gżira.

**3.15.** Il-Kunsill ġie nfurmat permezz ta' *e-mail* mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv Samuel Herd dwar il-*logo* tar-Reġjun Ċentali.

**3.16.** Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Inġ Ronald Pace dwar spejjeż li jrid iħallas il-Kunsill dwar spezzjoni li trid issir b'*CCTV camera* rigward l-i*storm water culvert* li hemm fi Triq Gżira li kienu jammontaw €87.00 *mobilization fee* u €7 *per metre per run* sal-punt ta' fejn ġie ndikat mill-Kunsillier Anthony Abela.jiġifieri madwar erbgħin metru. Il-Kunsill qabel unanimament li qabel ma jiddiskuti din in-nefqa tingħata spjegazzjoni l-għala l-ħlas irid isir minnu u dan in vista tal-fatt, li kienet WSC li użat *storm water culvert* biex għaddiet *water main*.

**3.17.** Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Douglas Chetcuti dwar żewġ proposti ta' *traffic management*. Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill Lokali qal, li din kienet ser tittieħed in konsiderazzjoni madanakollu, kellu riżervi dwar kemm tista' tiġi mplimentata t-tieni proposta mressqa minnu.

**3.18.** s-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Mozzjoni – Ħruġ ta' Sejħiet għall-Offerti ta' Kuntratti Skaduti

**4.1.** Iċ-*Chairman* talab lill-Kunsillier Ian Micallef sabiex bħala l-proponent tal-mozzjoni jressaq il-kummenti tiegħu.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li l-mozzjoni hi *self-explanatory* u kien qed jitlob li jinħarġu s-sejħiet għall-offerti tal-kuntratti skaduti.

Matul id-diskussjoni li saret, l-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-mozzjoni kif proponut mill-Kunsillier Ian Micallef ssekondata, mill-Kunsillieri Malcolm Camilleri u Victor Rutter kif ukoll, li jiġi vverifikat ma' Kunsilli Lokali oħra jekk kienx hemm xi tibdil fis-sejħiet ta' l-offerti għall-kuntratti simili.

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li jinħatar *ad hoc committee* sabiex jiffinalizza d-dokumenti għall-pubblikazzjoni ta' dawn l-offerti.

Fir-rispett tal-publikazzjoni tas-sejħiet għall-offerti għas-servizz tal-Perit u l-Avukat, is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat, li l-informazzjoni ta' dokumenti li rċeviet minn Kunsilli Lokali oħra, kienet għaddiethom għall-attenzjoni tas-Sindku, li minn naħa tiegħu kellu jarahom mal-Kunsillier Ian Micallef.

## 5. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**5.1.** Tressqet l-Iskeda tal-Ħlasijiet minn Nru: 2231 sa Nru: 2379 (ara *appendix* Nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**5.2.** Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill:

| | |
|---|---|
| Alfred Portelli – *C/M fee – April/May/June 2011* | €745.42 |
| Dr. E Woods – *Legal Advisor – April/May/June 2011* | €494.76 |

Ngħata rendikont dwar il-kontijiet tar-*Road Servicing Ltd* għax-xogħol li sar fit-Toroq Coleridge, Nichola Cottoner u Immakulata Kunċizzjoni liema kontijiet reġgħu ġew riviżjonati għar-raġuni, li meta saru l-ewwel darba ma ġiex imnaqqas l-10% *guarantee retention* u spejjez relatati ma' L.N. 29/2010, li kienu ġa nkluzi fid-dokument.

Inqara r-rapport mibgħut mill-Perit dwar ix-xogħol sopraċitat fosthom ir-*repair patch* li saret fi Triq Immakulata Kunċizzjoni, xogħol ta' *PVC pipes* u *Compact Type 1 material* li ma kienx inkluż fit-*tender* kif ukoll, rigward ir-*resurfacing* ta' Triq Coleridge il-varjanza kienet ta' 37% u dwar ir-*resurfacing* ta' Triq Nicola Cottoner il-varjanza kienet ta' 17%.

Il-varjanza ta' 37% kienet ġiet approvata mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali u dan skont *e-mail* datata 2 ta' Diċembru 2010.

Wara discussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* issekondata mill-Viċi-Sindku, li a bażi tar-rapport tal-Perit, l-varjanzi kollha jiġu mħalsa.

Inqrat ittra mibgħuta mill-*Accountant* Johanna Caruana fejn tat rendikont tax-xogħol li kien hemm bżonn li jsir sabiex jitlestew l-*accounts* u jiġu preparati l-*financial statements* għas-sena 2010 liema xogħol, ha madwar 42 siegħa (ara *Appendix* 2). L-*accounting fee* għal dan il-*one time task* kienet ser tkun €35 kull siegħa iżda dan tnaqqas b'40% (€21) minħabba l-kuntratt eżistenti.

Għaldaqstant, l-ammont ta' €882. tressaq fir-rispett li din kienet l-unika *option* li setgħet tittieħed minħabba l-fatt, li kif kienu saru l-accounts ma kienux ser jiġu aċċettati u kienu ser iħallu impatt fuq ir-reputazzjoni tal-Kunsill u aktar xogħol fil-futur u dak akkumulat ma kienx ser ikun preċiż.

In segwitu tad-diskussjoni li saret fejn issemma l-fatt, li Antoine Portelli kien tħallas 65% tax-xogħol li kien għamel minn Jannar sa Novembru 2010 u t-35% li kien baqa' xi ħadd ried jagħmlu, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li jitħallas l-ammont ta' €882. lill-*Accountant* Johanna Caruana.

**5.3.** Wara diskussjoni qasira, l-iskeda tal-ħlasijiet minn Nru: 2231 sa Nru: 2379 u dawk elenkati f'para 5.2., ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**6. *Update ta' Tenders GLC002/2010 – Mixed Household Waste - GLC003/2010 – Public Private Partnership***

***6.1. Tender GLC002/2010 – Mixed Household Waste***

Il-Kunsill ġie nfurmat li kien ġie ppreżentat appell fil-Qorti dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi.

**6.2. *Tender GLC003/2010 – Public Private Partnership***

Is-suġġett sopraċitati ġie diskuss aktar 'l fuq.

**7. Update dwar is-Sejħa għall-Offerti ta' *Resurfacing* tal-*Housing Estate* u *Pavement Works – Zone 1 The Strand & Town Centre***

**7.1.** Il-Kunsill ġie nfurmat li:

t-*Tender for Resurfacing Works – Housing Estate* ġiet ppubblikata u d-data ta' l-għeluq hi l-Erbgħa 27 ta' Lulju 2011 fl' 10.00 a.m. bi prezz ta' €35.

t-*Tender Pavement Works – Zone 1 The Strand & Town Centre* ġiet ppubblikata kemm fl-*Europena Journal* kif ukoll, fil-gazzetta tal-Gvern u l-gazzetti lokali u d-data ta' l-għeluq hi l-Ħamis 1 ta' Settembru 2011 fl-10.00 a.m. bi prezz ta' €150.

**8. Diskussjoni dwar oganizzar ta' *Computer Courses***

**8.1.** Is-Segretarju Eżekuttiv tat rendikont tal-laqgħa li kienet saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill fis-16 ta' Ġunju 2011, li għaliha kien attenda l-Viċi-Sindku kif ukoll, rappreżentanti tad-ditti *TC TC* u *M.I.C.S.*

Hi kompliet tgħid, li *TCTC* nforma li l-Kunsill kien diġa' tard sabiex jorganizza korsijiet għal matul ix-xhur tas-Sajf. Iżda din id-ditta kienet qed tissuġġerixxi li tinħareġ kwotazzjoni għal sena sħiħa ta' taħriġ fl-ICT. Id-Ditta ppreżentat *company profile* inkluż l-korsijiet kollha li tista' toffri.

Id-ditta *M.I.C.S.* kienet lesta sabiex fis-Sajf torganizza flimkien mal-Kunsill, kors fil-ħiliet bażiċi tal-kompjuter li jkun japplika għar-residenti kollha tal-Gżira sa massimu ta' 150 student għall-ammont ta' € 1,100. In-noti tal-kors jinxtraw għall-prezz ta' €10 mill-applikanti.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri li tiġi kkuntattjata d-ditta *M.I.C.S* biex torganizza *beginners* kors għall-prezz ta' €1,100 u jiġu ppubblikati *leaflets* biex dan il-kors ikun jista' jibda liema *leaflets,* għandhom jitqassmu mill-Kunsill kif ukoll, li jsir kuntatt mal-Kunsilli Lokali, sabiex jgħaddu kopja tal-kwotazzjoni, biex dan il-Kunsill Lokali jkollu gwida għall-pubblikazzjoni ta' kwotazzjoni għall-*ICT tuiton*.

**9. Diskussjoni u Approvazzjoni dwar Lejla Gżirjana**

**9.1.** Iċ-*Chairman* ta rendikont tal-laqgħa li kellu fis-7 ta' Ġunju 2011, dwar l-attivita' li kellha ssir s-Sibt 25 ta' Ġunju 2011 fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa. Huwa kompla jgħid, li din l-attivita' kienet ser issir mill-Kunsill Lokali b'kollaborazzjoni tal-Kumitat Festi Esterni u l-Għaqda Mużikali Mount Carmel.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament ma' l-organizzar ta' din l-attivita' b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef.

Ġie deċiż li d-dawl għal din l-attivita' jittieħed mill-kamra tal-ħaddiema li hemm fl-istess ġnien.

## 10. Affarijiet Oħra

**10.1.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li Emmanuel Mifsud u Stephen Farrugia għandhom jieħdu ħsieb it-tindif tat-toroq kemm wara l-marċ ta' filgħodu kif ukoll, filgħaxija wara li tispiċċa l-festa - Ħadd 10 ta' Lulju 2011.

**10.2.** Il-Kunsill qabel unanimament li ma jsib ebda oġġezzjoni sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet fuq il-bankina sakemm dawn ikunu koperti bil-permessi kollha meħtiega kemm mill-*MEPA* kif ukoll mill-*Malta Transport.*

**10.3.** Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tintbagħat *e-mai*l lill-Pulizija u t-*Transport Malta* (Trasport Pubbliku) sabiex isiru l-arranġamenti neċessarji għad-*diversions* għat-trasport inkluż dak pubbliku minħabba l-fatt, li t-toroq ikunu magħluqin għat-traffiku partikularment mill-Ħamis 7 ta' Lulju sal-Ħadd 10 ta' Lulju 2011, minħabba l-festa tal-Parroċċa.

## 11. Laqgħa Oħra

**11.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-8.15 p.m. u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 27 ta' Lulju 2011, fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**<u>MOZZJONI Nru. Klg5/10</u>**

| | |
|---|---|
| **Lill.** | **Kunsill Lokali Gżira** |
| **Mill-** | **Kunsillier Ian Micallef** |
| **Data.** | **21 ta' Lulju 2011** |
| **Ħin.** | **10.49 a.m.** |

**Dan il-Kunsill Lokali nnota mir-rapport finanzjarju li ż-żieda li kienet tħallset bħala onorarja lis-Sindku, għadha ma ġietx rifuża.**

**Illi billi l-Oppożizzjoni Laburista kienet resqet mozzjoni kontra li tingħata żieda;**

**Illi l-Gvern kien irtira kull żieda u sar eżerċizju ta' rifużjoni mill-Ministri;**

**Illi billi d-Dipartiment talab ukoll illi ssir rifużjoni anke mhux immedjatament;**

**Jirrisolvi illi billi din hija l-aħħar sena finanzjarja tal-Kunsill Lokali, qiegħed jitlob lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex kull rifużjoni ssir sa l-aħħar ta' Settembru 2011**

| | | |
|---|---|---|
| **Proponent** | **Dr. Ian Micallef** | **Kunsillier** |
| **Sekondanti** | **Dr. Malcolm Camilleri** | **Kunsillier** |
| | **Victor Rutter** | **Kunsillier** |
| **Laqgħa Nru.** | **Klg5/58** | **27.07.2011** |

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 23/05/2011 sa 20/06/2011

| | Fornitur | Ammont tal Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | IBIS GROUP LTD | €50.17 | €50.17 | D | | Maintence of PABX | 31.05.11 | 3096 | 2331 | | | |
| 2 | ALFA CO. LTD | €182.17 | €182.17 | D | | Rentals & copies of photocopiers | 31.05.11 | 72440 | 2332 | | | |
| 3 | Local Councils Association | €444.00 | €444.00 | D | | Group Health Policy | 02.05.11 | | 2333 | | | |
| 4 | M.A. & A. Services Ltd | €299.00 | €299.00 | K | | Air Cleaner | 31.05.11 | 2317 | 2334 | | | |
| 5 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | | Street Cleaning Services - May 2011 | 01.06.11 | 11/1992 | 2335 | | | |
| 6 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | | Street Cleaning Services - Sundays - May 2011 | 01.06.11 | 11/1993 | 2336 | | | |
| 7 | Borg Hardware Store | €12.24 | €12.24 | D | | paint for Benches | 26.05.11 | 104 | 2337 | 14/2011 | | |
| 8 | Borg Hardware Store | €17.64 | €17.64 | D | | paint - paint brushes - working gloves | 16.06.11 | 105 | 2337 | 23/2001 | | |
| 9 | Stardelta Hardware Store | €12.22 | €12.22 | D | | paint for Benches | 26.05.11 | 5867801 | 2338 | 15/2011 | | |
| 10 | Stardelta Hardware Store | €17.91 | €17.91 | D | | paint - sandpaper - Solve it | 31.05.2011 | 5867803 | 2338 | 16/2011 | | |
| 11 | Stardelta Hardware Store | €11.56 | €11.56 | D | | Diswashing liquid - gloves | 02.06.11 | 5867805 | 2338 | 19/2011 | | |
| 12 | The Toolbox | €7.71 | €7.71 | D | | Thinner | 01.06.11 | 10341 | 2339 | 17/2011 | | |
| 13 | The Toolbox | €3.02 | €3.02 | D | | tangit glue - pvc tees - segi | 01.06.11 | 10343 | 2339 | 18/2011 | | |
| 14 | The Toolbox | €5.89 | €5.89 | D | | Cutting Wheel and welding glass | 08.06.11 | 10357 | 2339 | 21/2011 | | |
| 15 | The Toolbox | €32.00 | €32.00 | D | | paint - thinner -sandpaper for benches | 10.06.11 | 10364 | 2339 | 22/2011 | | |
| 16 | J. Lautier Co. Ltd. | €34.71 | €34.71 | D | | Iron Flat Bars-Welding Rods etc | 02.06.11 | 20057691 | 2340 | 20/2011 | | |
| 17 | S.Rausi Trading | €22.48 | €22.48 | D | | Drinking Water for Office Use | 31.05.11 | 11139373 | 2341 | | | |
| 18 | Envir L/Scapes Cons Ltd | €2,212.92 | €2,212.92 | T | | Maintence of Soft Areas - May 2011 | 31.05.2011 | 7283 | 2342 | | | |
| 19 | CSD Office Trade | €495.00 | €495.00 | K | | 3 Office Chairs | 01.06.11 | 35030 | 2343 | | | |
| 20 | Melita plc | €314.25 | €314.25 | D | | Telephone Services | 08.05.11 | 30449935 | 2344 | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€9,142.26** | **€9,142.26** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€9,142.26** | **€9,142.26** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** **Skeda Nru. Klg5/56**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data:** **23/05/2011 sa 20/06/2011**

| | Fornitur | Ammont tal Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | C.S.D. Office Trade | €13.99 | €13.99 | D | | A3 photocopy paper | 02.06.11 | 35074 | 2345 | | | |
| 22 | General Ecological Serv. Co. Ltd | €354.00 | €354.00 | K | | Cleaning of Storm Water Culvert | 31.05.11 | 104 | 2346 | | | |
| 23 | Squaire Bookshop | €47.40 | €47.40 | D | | Newspapers - May 2011 | 31.05.11 | 9558 | 2347 | | | |
| 24 | Grezzju Azzopardi | €20.00 | €20.00 | D | | Flowers Fuineral - Ivonne Camilleri | 17.05.11 | 6323 | 2348 | | | |
| 25 | G4S Security Services Malta Ltd | €30.44 | €30.44 | D | | Cash In Transit May 2011 | 31.05.11 | GS002678 | 2349 | | | |
| 26 | J.F. Mallia Ltd | €380.01 | €380.01 | D | | Maint. Of Street Lighting | 31.05.11 | 585 | 2350 | | | |
| 27 | J.F. Mallia Ltd | €92.00 | €92.00 | D | | Bollards | 31.05.11 | 589 | 2350 | | | |
| 28 | PCS Limited | €1,358.35 | €1,358.35 | D | | Material for Shelves for Public Library | 21.04.11 | L/11/005 | 2351 | | 39043252002 | 7182 |
| 29 | WasteServ Ltd | €3,284.00 | €3,284.00 | D | | Allocated MSW Waste - Jan 2011 | 25.02.11 | 6423 | 2352 | | 39043252002 | 7183 |
| 30 | WasteServ Ltd | €3,284.00 | €3,284.00 | D | | Allocated MSW Waste - Feb 2011 | 15.03.11 | 7188 | 2353 | | 39043252002 | 7184 |
| 31 | WasteServ Ltd | €3,284.00 | €3,284.00 | D | | Allocated MSW Waste March 2011 | 15.04.11 | 8587 | 2354 | | 39043252002 | 7185 |
| 32 | WasteServ Ltd | €3,284.00 | €3,284.00 | D | | Allocated MSW Waste April 2011 | 16.05.11 | 9358 | 2355 | | 39043252002 | 7186 |
| 33 | GO plc | €59.48 | €59.48 | D | | Rent & Calls May & June 2011 - 322157 | 11.06.11 | 25958223 | 2356 | | 39043252002 | 7187 |
| 34 | GO plc | €23.69 | €23.69 | D | | Rent & Calls May & June 2011 - 341616 | 11.06.11 | 25957636 | 2357 | | 39043252002 | 7188 |
| 35 | GO plc | €90.59 | €90.59 | D | | Rent & Calls May & June 2011 334254/341034 | 11.06.11 | 25957632 | 2358 | | 39043252002 | 7189 |
| 36 | Longbow Ltd | €75.52 | €75.52 | D | | Degradable Bags - The Strand | 10.06.11 | 94485 | 2359 | | | |
| 37 | Allied Newspapers | €86.14 | €86.14 | D | | Advert - Tender GLC05/2011 | 15.06.11 | | 2360 | | | |
| 38 | Dept of Information | €9.32 | €9.32 | D | | Advert - Tender GLC05/2011 | 13.06.11 | | 2361 | | 39043252002 | 7190 |
| 39 | Dept of Information | €9.32 | €9.32 | D | | Advert Quote 07/2011 - 08/2011 | 15.06.11 | | 2362 | | 39043252002 | 7191 |
| 40 | Dept of Information | €9.32 | €9.32 | D | | Advert - Tender GLC06/2011 | 15.06.11 | | 2363 | | 39043252002 | 7192 |
| | **Sub Total c/f** | **€15,795.57** | **€15,795.57** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€9,142.26** | **€9,142.26** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€24,937.83** | **€24,937.83** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** **Skeda Nru. Klg5/56**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 23/05/2011 sa 20/06/2011

| | Fornitur | Ammont tal Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Union Print | €55.13 | €55.13 | D | | Advert GLC05/2011 Tender Resurfacing H/Estate | | | 2364 | | | |
| 42 | Media Link Communications | €68.44 | €68.44 | D | | Advert GLC05/2011 Tender Resurfacing H/Estate | | | 2365 | 26401 | | |
| 43 | Media Link Communications | €68.44 | €68.44 | D | | Advert GLC06/2011 Upgrading of Kerbs & Pave | | | 2366 | 26404 | | |
| 44 | Allied Newspapers | €86.14 | €86.14 | D | | Advert GLC06/2011 Upgrading of Kerbs & Pave | | | 2367 | | | |
| 45 | Ms Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | K | | Craft Lessons June 2011 | 20.06.11 | 20 | 2368 | | | |
| 46 | Mr. Joe Borg | €46.59 | €46.59 | D | | Duck Food - June 2011 | 20.06.11 | 26 | 2369 | | | |
| 47 | Mr. Emmanuel Mifsud | €5,590.50 | €5,590.50 | T | | Door to Door Collection June 2011 | 20.06.11 | 82 | 2370 | | | |
| 48 | Mr. Emmanuel Mifsud | €432.87 | €432.87 | T | | Skip Hire - June 2011 | 20.06.11 | 83 | 2371 | | | |
| 49 | Mr. Emmanuel Mifsud | €836.06 | €836.06 | T | | Public Convenience - June 2011 | 20.06.11 | 84 | 2372 | | | |
| 50 | Mr. Emmanuel Mifsud | €990.80 | €990.80 | T | | Bulky Refuse - May 2011 | 20.06.11 | 85 | 2373 | | | |
| 51 | Directorate. Life Long Learning | €4,473.60 | €4,473.60 | D | | Italian-Spanish-Health & Well Bing | 14.06.11 | DLLL/007/11 | 2374 | | | |
| 52 | Woods & Associates | €70.00 | €70.00 | D | | Legal letter | 20.06.11 | | 2375 | | | |
| 53 | J&K Contractors Ltd | €940.20 | €940.20 | T | | Repairs to Pavement - Triq Cuschieri | 11.05.11 | 1171-11 | 2376 | | | |
| 54 | Gżira Parish Church | €70.00 | €70.00 | D | | Avviż lir-Residenti | 06.06.11 | 5097887 | 2377 | | | |
| 55 | Dr Chris Bonett B.A. LL.D. | €908.00 | €908.00 | D | | Substance Allowance - ECAD - Varna | 26.05.11 | | 2378 | | | |
| 56 | Mr. Joe Camilleri | €1,589.00 | €1,589.00 | D | | Substance Allowance - ECAD - Varna | 26.05.11 | | 2379 | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€16,600.77** | **€16,600.77** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€24,937.83** | **€24,937.83** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€41,538.60** | **€41,538.60** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier